**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 383/2023**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Ibrahim Jabril Abubakar**

Illum, 26 ta' April 2024

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Ibrahim Jabril Abubakar, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 83283A, akkużat flimkien ma' *Omissis* quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli nhar it-22 ta' Settembru 2022 u/jew fil-jiem ta' qabel f'dawn il-Gżejjer:

a) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokajina, speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta lill-persuna/i jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellu liċenza mill-President ta' Malta u mingħajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939), jew minn xi awtorita` mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija u mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu liċenza li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolamenti tal-1939 għall-Kontroll

Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

b) Kellu fil-pussess tiegħu id-droga kokajina speċifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornita lilu għall-uzu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu.

c) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroijna, speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta lill-persuna/i jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellu liċenza mill-President ta' Malta u mingħajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939), jew minn xi awtorita` mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija u mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu liċenza li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolamenti tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

d) Kellu fil-pussess tiegħu id-droga kokajina speċifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornita lilu għall-uzu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu.

e) Biegħ jew xort'oħra ttraffika l-pjanta Cannabis kollha jew biċċa minnha, u dan bi ksur ta' l-Art. 8(e) ta' l-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.
f) Kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta Cannabis kollha jew biċċa minnha bi ksur ta' l-Art. 8(d) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-uzu esklussiv tagħhom.
g) Ikkometta dawn ir-reati fi, jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, club jew xi post simili fejn normalment jiltaqgħu z-żgħażagħ bi ksur tal-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-11 ta' Ottubru 2023, fejn wara li rat l-artikolu 8(d), 22(1)(a), 2(2)(b)(i) u 22(2) tal-Kap. 101, sabet lill-imputat Abubakar Ibrahim Jabril mhux ħati tal-ewwel, tat-tielet, tal-ħames u tas-seba' imputazzjoni miġjuba kontrih, filwaqt li sabitu ħati tat-tieni, tar-raba' u tas-sitt imputazzjoni miġjuba kontrih. Konsegwentement, il-Qorti ikkundannat lill-istess Abubakar għal perijodu ta' sentejn priġunerija u għall-multa ta' elfejn Ewro (€2,000). Il-Qorti ordnat ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-flejjes jew proprjeta' mobbli u immobbli tal-ħati. In oltre, a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti ordnat lill-ħati Abubakar sabiex iħallas nofs l-ispejjez fl-ammont ta' Eur. 1428.62 konnessi mal-ħatra tal-esperti. Fl-aħħarnett, il-Qorti ordnat id-distruzzjoni tad-droga esebita, hekk kif is-sentenza tgħaddi in ġudikat u hekk kif il-proċeduri konnessi ma' dan il-każ u ċioe Il-Pulizija vs Carlos Desira jgħaddu in ġudikat, u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant, Ibrahim Jabril Abubakar, ippreżentat fis-27 ta' Ottubru 2023, fejn talab lil din l-Qorti sabiex tbiddel u tvarja s-sentenza mogħtija fil-konfront tiegħu mill-Ewwel Onorabbli Qorti fil-11 t'Ottubru 2023 billi tilliberah minn imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu u piena konsegwenzjali, u sussidjarjament, u bla preġudizzju għall-ewwel talba, jekk tinstab il-ħtija, tiġi lilu akkordata piena aktar xierqa għaċ-ċirkostanzi.

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali pprezentata nhar il-5 ta' Diċembru 2023.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, l-gravam ewlieni sottopost għal ġudizzju tal-Qorti huwa marbut mal-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti, u dan meta l-appellant jisħaq illi s-sejbien ta' ħtija sar fuq konsiderazzjonijiet li jistgħu jissejħu bħala assunzjonijiet fir-rigward tal-presenza tiegħu fil-post fejn instabet id-droga mertu ta' dawn il-proċeduri. Jikkontendi illi huwa kien sempliċiment rieqed fir-remissa fejn ġie interċettat mill-pulizija u ma nġiebet ebda prova li hu kien filfatt involut f'xi ċirku ta' traffikar ta' droga. Għalhekk a bażi tal-provi miġjuba, il-Prosekuzzjoni ma rnexxilix tipprova l-kaz tagħha sal-grad rikjest mill-Liġi u l-Ewwel Qorti kienet għalhekk żbaljata li sabet ħtija fil-konfront tiegħu.

Illi, eżaminati mill-ġdid l-atti tal-kawża u dan bil-għan illi jkun stabbilit jekk l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu,[1] jirriżulta illi nhar it-22 ta' Settembru 2022 saret operazzjoni maġġuri ġewwa l-Marsa mill-Pulizija fejn kien hemm il-parteċipazzjoni ta'l-Iskwadra ta' kontra d-Drogi meta dawn kienu qed jaġixxu għall-eżekuzzjoni ta' mandat fuq remissa li kienet tinsab ġewwa Triq il-Ġerejja, Marsa. Waqt li kienet għaddejja din l-operazzjoni l-Pulizija innutaw żewġ persuni jaqbżu minn tieqa ta' l-istess remissa, li kienet sular u nofs għolja mill-art, għal ġewwa sqaq . Dawn iz-zewġ persuni, li sussegwentement ġew identifikati bħala l-appellant u ċertu Carlos Desira, kienu interċettati u miżmuma mill-Pulizija u irriżulta li kienu qed isofru minn xi ġrieħi

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u lAppelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

kkaġunati mill-qabża tagħhom mill-għoli. L-appellant infatti nstab "**...jistaħba wiċċu mal-art wara vettura li kienet ipparkjata ġewwa l-istess sqaq...**"[2].

Illi, meta l-Pulizija aċċedew ġewwa r-remissa li minnha kienu qabżu Desira u l-appellant, huma sabu diversi sustanzi suspettati droga fuq mejda f'nofs l-istess remissa maqsuma f'kwantita' kbira ta' pakketti żgħar. Igħid hekk l-Ispettur Marshall Mallia:

> "**Ġewwa r-remissa, instabet mejda fejn kienet qegħdha tiġi preparata d-droga sabiex tinbiegħ – instabu madwar 143 sachets ta' sustanza suspettata erojina, piz ta' madwar 45 grammi kif ukoll madwar 229 sachets suspettata kokajina, piz totali ta' madwar 50 gramma, kif ukoll madwar 32 sachets suspettata kannabis grass, piz totali ta' 35 grammi. Kien hemm ukoll flus kontanti maġenb id-droga bl-ammont ta' madwar €1655 kif ukoll mobile phones**"[3].

Mill-eżamijiet forensiċi magħmula mill-espert maħtur fl-inkjesta, l-Ispizjar Godwin Sammut, fil-fatt irriżulta illi is-sustanzi misjuba fir-remissa kienu s-segwenti –

- Id-droga erojina li kellha piz totali ta' 30.36 sa 32.75g u li kellha purita' ta' ċirka 6%.
- Id-droga kokajina li kellha piz totali ta' 17.91g sa 19.22g u li kellha purita' ta' ċirka 67%.
- Id-droga cannabis grass (tetrahydrocannabinol) li kellha piz totali ta' 33.51g sa 33.76g u li kellha purita' ta' ċirka 7%.

Illi, qabel kull konsiderazzjoni dwar dan l-aggravju il-Qorti ma tistax ma tosservax illi hemm ripetizzjoni ta' żewġ imputazzjonijiet fiċ-ċitazzjoni, bit-tieni imputazzjoni hija identika għar-raba' imputazzjoni fejn l-appellant kien mixli bil-pussess aggravat tad-droga kokajina fl-istess jum u fl-istess lok. Issa jidher illi dan kien *lapsus computetri* u dan għaliex ir-raba' imputazzjoni issewgi it-tielet waħda, li titkellem fuq it-traffikar tad-droga erojina, sabiex b'hekk il-Qorti tifhem illi permezz tar-raba' imputazzjoni l-appellant kellu jkun mixli bil-pussess aggravat tad-droga erojina u mhux għal darb'oħra dak tad-droga kokajina. Dan magħdud, madanakollu ma jirriżultax illi fil-mori tal-kawża saret xi korrezzjoni f'din l-imputazzjoni, tant hu hekk illi fis-sentenza

---

[2] Testimonjanza tal-Ispettur Marshall Mallia.
[3] Testimonjanza tal-Ispettur Marshall Mallia.

appellata hemm riprodotti l-imputazzjonijiet kollha kif elenkati fiċ-ċitazzjoni. Kwindi l-appellant ma seta' qatt ikun misjub ħati għall-istess reat għal darbtejn biex b'hekk l-Ewwel Qorti kellha tgħaddi biex tillibera lill-appellant mir-raba' imputazzjoni ukoll. Għaldaqstant, din l-Qorti, minħabba dan l-iżball fiċ-ċitazzjoni, sejra tgħaddi sabiex tillibera l-appellant mir-raba' imputazzjoni hekk kif dedotta fil-konfront tiegħu, billi din hija identika għat-tieni imputazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, stabbilit għalhekk illi ma setatx tinstab ħtija fl-appellant għar-raba' imputazzjoni kif mixli, jonqos biex jkun determinat l-aggravju tal-appellant fir-rigward tas-sejbien ta' ħtija għall-imputazzjoni bin-numru tnejn u l-imputazzjoni numru sitta, u ċioe' dawk li jitrattaw ir-reat tal-pussess tad-droga kokajina u l-pussess tal-cannabis grass f'ċirkostanzi indikattivi li dawn ma kenux għal użu personali.

Illi, l-appellant jikkontendi illi huwa kien igħix u jorqod ġewwa r-remissa fejn instabet kwantita' ta' droga li kienet qed tiġi ippakkjata lesta għal konsenja. Isostni illi għalkemm kien konxju ta' din l-attivita' li kienet qed issir f'dan il-lok, madanakollu huwa ma kienx kompartecipi fl-istess, u kien jinsab f'din ir-remissa proprju għaliex ma għandux post ieħor fejn imur igħix. Issa mix-xhieda tal-iSpettur Marshall Mallia u ta' PC 295 Daniel Schembri jemerġi illi hekk kif l-appellant lemaħ lill-Pulizija mal-bieb tar-remissa, huwa flimkien ma' Carlos Desira, li f'dak il-mument kien jinsab miegħu ġewwa dan il-fond, qabeż barra mit-tieqa għal ġo l-isqaq ta' taħt. Huwa fatt inkontestat ukoll li fir-remissa minn fejn qabeż l-appellant instabet id-droga fuq mejda li kienet tinstab f'dawn l-ambjenti, kif ukoll diversi affarijiet oħra relatati mat-traffikar tad-droga.

Illi, fl-istqarrija rilaxxata mill-appellant nhar it-23 ta' Settembru 2022, meta mistoqsi "***The drugs in the garage, they were of Carlos?***" huwa wieġeb "***Yes Sir me like this it's not mine you understand, because me, they already know me, I'm scared sir. From that time I said me from drugs I'm finished***". Huwa indubitat allura illi għalkemm l-appellant qed jiċħad kwalunkwe involviment f'dan iċ-ċirku kriminuż ta' traffikar ta' droga, madanakollu huwa kien konsapevoli tal-attivita' li kienet qed tiżvolġi f'din ir-remissa. Meta imbagħad mistoqsi: "***What does Carlos do there?***", huwa jwieġeb

"***That's between me and him***". *In oltre*, għall-mistoqsija "***Who was selling the drugs?***" huwa jwieġeb "***Well I never sell yet***". Dan ifisser illi l-appellant mhux biss kien jaf x'qed jiġri, iżda kien qed jipparteċipa f'din l-attivita' għalkemm sa dak il-mument *ex admissis* ma kienx involva ruħu fl-ispaċċ ta' din id-droga. Finalment, huwa jgħid li ma jafx jekk kienx Desira li kien ibiegħ id-droga u jgħid li lilu kienu jqabbduh iġġorr xi kaxxi, pero' ma jispeċifikax x'kien ikun fihom l-istess u jispiċċa bil-kliem: "***Trust me I don't know anything***". Illi, imbagħad meta nhar l-24 ta' Settembru 2022, sar konfront bejn l-appellant u Desira, l-appellant kompla jinnega l-involviment tiegħu u saħaq li kien qabeż mit-tieqa għax kien sema' ħoss qawwi u għalhekk beża' u ħarab.

Illi sfortunatament l-Prosekuzzjoni naqset milli jġġib 'il quddiem provi ċirkostanzjali li setgħu jagħtu stampa ċara aktar dwar x'kien l-invovliment tal-appellant, u dan permezz ta' eżami komparattiv ta'l-marki tas-swaba misjuba fuq diversi oġġetti elevati minn fuq ix-xena tad-delitt u dawk tal-appellant, kif lanqas kien possibbli illi jsiru eżamijiet forensiċi konklussivi mis-seroloġista nominata fl-inkjesta Dr. Marisa Cassar, billi l-oġġetti kienu tħalltu ma' dawk ta' inkjesta oħra li kienet miexja kontestwalment.

Illi allura l-unika prova li torbot lill-appellant ma' din is-sejba tad-droga hija proprju l-presenza tiegħu fuq ix-xena fejn id-droga instabet f'postijiet li kienu viżibbli għall-għajn u li allura indubbjament li l-appellant kien jaf bil-presenza tagħha f'dak il-lok fejn kien stabbilit illi huwa kien jorqod u jqum, abbinat mal-fatt illi kif wasslu l-pulizija huwa intenta jaħrab minn fuq il-post. Illi imbagħad l-appellant ma kienx waħdu f'din ir-remissa, iżda miegħu kien hemm ukoll ċertu Carlos Desira. Fir-remissa id-droga instabet mifruxa fuq mejda li, skont dak li xehdu l-uffiċjali investigattivi u kif *del resto* jidher fir-ritratti eżebiti mill-uffiċjali tax-xena tad-delitt, din kienet qed tippreżenta ruħha b'tali mod li kien evidenti li d-droga kienet qed tiġi ppreparata biex tinbiegħ. Skont l-ispettur Marshall Mallia jidher li din l-istalla jew remissa, li kien qed jagħmel użu minnha l-appellant, kienet tissakkar sabiex b'hekk l-appellant ma jistax igħid illi ma kellux aċċess liberu għall-ambjenti tagħha u allura kienu taħt il-kontroll tiegħu.

Illi, kien deċiż fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fl-ismijiet "Ir-Repubblika ta' Malta vs Timothy Joseph Agius" datata 22 ta' Ġunju 2022 –

**48. Illi jibda biex jingħad illi l-appellant kien misjub ħati mill-ġurija tar-reat tal-pussess aggravat ta' droga. Illi sabiex ikun hemm ħtija għal dan ir-reat il-ġudikabbli irid jinqabad fil-pussess ta' kwantita' ta' droga f'ammont li huwa indikattiv li dan ma huwiex għall-użu personali tiegħu. Dan il-pussess, ai fini ta' reita' jrid ikun wiehed jew materjali jew kostruttiv. Issa sabiex tirriżulta kundanna għar-reat tal-pussess aggravat ta' droga, u dan meta jkun hemm il-pussess kostruttiv, iżda mhux dak materjali, il-Prosekuzzjoni trid neċessarjament tipprova, u dan lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, zewg fatturi:**

**i. Illi l-persuna akkużata kellha x-xjenza dwar l-esistenza tad-droga.**

**ii. Illi l-persuna akkużata setgħet teżerċita il-kontroll fuq dik id-droga.**

**Imbagħad meta jkun hemm persuna jew persuni oħra li jkunu, jew setgħu kienu fil-viċinanzi ta' dik id-droga, allura l-Prosekuzzjoni trid tressaq provi li jindikaw illi kien l-akkużat biss li seta` jiddisponi minn dik id-droga u jeżerċita kontroll fuqha.**

**49. Illi l-artikolu 26 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta jiddisponi hekk:**

**26.(1) F'kull proċediment kontra persuna għal reat kontra din l-Ordinanza, ma jkunx jinħtieġ li ssir il-prova tan-nuqqas ta' liċenza, awtorizzazzjoni jew materja oħra ta' eċċezzjoni jew difiża, u l-obbligu li jipprova li hemm din il-liċenza, awtorizzazzjoni jew materja ta' eċċezzjoni jew difiża jmiss lill-persuna li tkun trid tinqeda biha. (sottolinjar tal-Qorti)**

**(2) Meta r-reat li bih persuna tkun akkużata ikun dak ta' pussess ta', jew bejgħ jew traffikar ta' mediċina kontra d-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza l-akkużat ma jkunx jista' jiddefendi ruħu kontra dik l-akkuża billi jipprova illi huwa ħaseb li kellu fil-pussess tiegħu, jew li kien qed ibiegħ jew jittrafika, xi ħaġa li ma kenitx il-mediċina msemmija fl-akkuża jekk il-pussess ta', jew il-bejgħ jew traffikar ta', dik il-ħaġa oħra kien ikun, fiċ-ċirkostanzi, bi ksur ta' xi dispożizzjoni ta' din l-Ordinanza jew ta'xi liġi oħra.**

**50. Illi dwar l-element formali ġie deċiż:**

**"Il-ligi taghna, kemm ghal dak li jirrigwarda l-pussess kif ukoll ghal dak li jirrigwarda l-importazzjoni ta' droga, ma tuzax il-kelma "xjentement"; fi kliem iehor il-ligi titkellem dwar min "ikollu fil-pussess tieghu" (artikolu 8(a)(c), kap 101), ikun fil-pussess" (regola 8, A.L.292/1939), "jimporta (artikolu 15A (1), Kap. 101) u mhux dwar min "xjentement ikollu fil-pussess tieghu", "xjentement ikun fil-pussess" jew "xjentement jimporta". Ghalkemm il-legislatur f'dawn id-dispozizzjonijiet ma juzax il-kelma "xjentement", hu evidenti li hawn si tratta ta' reati doluzi u mhux**

**sempliciment ta' reati kolpuzi. Il-legislatur ma riedx jikkolpixxi lil min, per ezempju, ad insaputa tieghu jitqieghdu xi droga fil-bagalja tieghu u dan jibqa' diehel biha f'Malta. Mill-banda l-ohra, b'applikazzjoni ta' l-artikolu 26 (1) tal-Kap. 101, persuna li tkun fil-pussess ta' droga jew li tkun dahhlet droga f'Malta hi presunta li kienet fil-pussess jew dahhlita xjentement, jigifieri li kienet taf bl-ezistenza ta' dak l-oggett, li dak l-oggett hu droga, u ghalhekk li kienet taf li kienet fil-pussess jew li kienet qed iddahhal id-droga, salv prova (imqar fuq bazi ta' probabilita') kuntrarja, u salv il-limitazzjoni ghal tali prova skond l-artikolu 26(2).[4]" (sottolinjar tal-Qorti)**

Illi mill-evidenza probatorja allura jemerġi xenarju fejn l-appellant *ictu oculi* jidher li kien fil-pussess ta' kwantita' ta' droga ta' kull tip. Din id-droga kienet misjuba f'ċirkostanzi indikattivi li kienet intiża għal skopijiet ta' traffikar. Illi mill-provi jemerġi il-pussess kostruttiv f'idejn l-appellant u ċioe' dak il-pussess f'lok li kien taħt il-kontroll tiegħu stante illi huwa kellu aċċess għalih billi kien igħix hemmhekk. Mhux biss iżda anke il-verżjoni tal-fatti tal-appellant, fil-fehma ta' din il-Qorti, hija inattendibbli. Jibda biex jingħad illi għalkemm l-appellant jallega illi huwa kien rieqed meta wasslu il-pulizija, madanakollu kien hemm evidenza fuq ix-xena tar-reat illi kien qed isir konsum tal-ikel b'kaxxi tal-pizez u anke luminata indikattivi li dawn ma kenux qed jiġu kkunsmati minn bniedem wieħed. Imbagħad igħid konvenjentement li ma jafx min huma l-persuni li jwasslu id-drogi f'dan il-garaxx u ma jafx jekk din tinbiegħx minn hemm ġew, madanakollu jaf illi Carlos Desira jqassam id-droga għal €10.

Illi għalkemm l-appellant igawdi mill-jedd għas-silenzju, madanakollu huwa tenut iressaq provi sal-grad minnu mistenni fil-liġi sabiex jikkonvinċi lill-awtorita' ġudikanti bit-teżi minnu prospettata. Issa għalkemm l-appellant jikkontendi illi huwa igħix f'din ir-remissa, madanakollu ma jressaq ebda prova sabiex jindika taħt liema titolu jokkupa dan il-fond, min ikkonċedielu jgħix fih, min hu is-sid, min iħaddmu kif jallega biex inaddaf l-istalel, fost oħrajn. Lanqas ma jressaq prova sabiex jindika kif imantni lilu nnifsu u lil min, allura, kien jappartjeni l-flus misjuba mill-pulizija fuq il-post. Kif lanqas jagħti ebda informazzjoni dwar fejn kienet qed tkun miżmuma d-droga, min wassalha fuq il-post u min kien qed iqassamha f'pakketti jew *sachets*

[4] Il-Pulizija vs Marzouki Beya Bent Abdellatif App.Inf. 16/02/1998.

f'numru konsiderevoli, liema xogħol ma setax isir fi żmien qasir. Illi allura stabbilit li din id-droga kienet misjuba fil-pussess kostruttiv tal-appellant lesta biex tkun spaċċata u stabbilit illi f'dik il-lejla huwa kien qiegħed f'dan il-lok flimkien ma' Carlos Desira fejn id-droga kienet qed tiġi maqsuma f'pakketti żgħar, kwindi l-appellant ma jistax jeżimi ruħu mir-responsabbilta' għaliha. Apparti minn dawn il-provi ċirkostanzjali, imbagħad, kif tajjeb tikkonkludi l-Ewwel Qorti, l-appellant intenta jaħrab minn fuq il-post hekk kif induna li hu u Desira kienu ġew interċettati mill-pulizija u kienu ser jinqabdu fil-fatt fil-pussess ta' din id-droga.

Illi magħmula dawn il-kostatazzjonijiet, il-Qorti, għalhekk, ma tqisx illi d-deċiżjoni appellata kienet b'xi mod legalment jew raġjonevolment infondata u kwindi l-aggravju fil-mertu qed ikun miċħud.

Jifdal biex tkun ikkunsidrata t-talba magħmula mill-appellant marbut mal-piena erogata mill-Ewwel Qorti ta' sentejn priġunerija u multa ta' €2000, fejn jitlob b'mod sussidjarju illi huwa jkun kkundannat għal piena aktar xierqa fiċ-ċirkostanzi. L-appellant madanakollu ma jindika ebda motiv, lanqas b'aggravju *ad hoc,* li jista' jwassal lil din il-Qorti titbiegħed mid-diskrezzjoni eżerċitata mill-Ewwel Qorti meta ġiet għal kalibrazzjoni tal-piena. Il-piena hija waħda li taqa' fil-parametri tal-liġi li, għar-reati li dwarhom l-appellant kien misjub ħati, taħseb għal piena ta' priġunerija għal żmien mhux inqas minn sitt xhur iżda mhux iżjed minn għaxar snin u multa ta' mhux inqas minn erba'mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (465.87) iżda mhux iżjed minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87). Dan magħdud, madanakollu, billi l-appellant ser jiġi lliberat mir-raba' imputazzjoni u allura ma tirriżultax il-ħtija lanqas għall-pussess tad-droga erojina f'ċirkostanzi li jindikaw li din ma kenitx għall-użu esklussiv tiegħu, kwindi hemm lok għal mitigazzjoni fil-piena.

Għal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell *in parte*, tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata, tikkonfermaha fejn l-appellant kien illiberat mill-ewwel, it-tielet, il-ħames u is-seba' imputazzjoni, u tikkonfermaha ukoll fejn kien misjub ħati tat-tieni u is-sitt imputazzjonijiet, iżda tirrevokaha fejn kien misjub ħati tar-raba' imputazzjoni u fid-dawl tal-fatt illi din hija ripetizzjoni tat-tieni

imputazzjoni, tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta'l-istess stante li l-appellant kien diġa' dikjarat ħati tar-reat hemmhekk infraskritt fit-tieni imputazzjoni. Tirriforma l-piena inflitta u minflok il-piena ta' sentejn priġunerija u multa ta' €2000, tikkundanna lill-appellant Abubakar Ibrahim Jabril għal piena ta' sena u nofs priġunerija, u multa ta' €1500. Tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

**Edwina Grima**

**Imħallef**